



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9805/26
ADD 2

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0405 (COD)**

**SAN 355
PHARM 96
AGRI 427
AGRILEG 139
ENV 581
CODEC 1037
BIOTECH 65**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2001/18/KE u 2010/53/UE rigward l-introduzzjoni fis-suq ta' mikroorganismi ġenetikament modifikati u l-ipproċessar tal-organi - Approċċ ġenerali = Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija

Ir-Repubblika tal-Bulgarija talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI mir-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

dwar

il-proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2001/18/KE u 2010/53/UE rigward l-introduzzjoni fis-suq ta' mikroorganiżmi ġenetikament modifikati u l-ipproċessar tal-organi - Approċċ ġenerali

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa r-reviżjoni tal-qafas regolatorju eżistenti għall-mikroorganiżmi ġenetikament modifikati, bil-fehim li jinżamm l-approċċ ta' prekawzjoni u li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali u tal-ambjent, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, l-evidenza xjentifika u l-proporzjonalità.

Il-Bulgarija tilqa' l-isforzi tal-Presidenza Ċiprijotta biex tikseb test ta' kompromess aktar ibbilanċjat u legalment aktar ċar. B'mod partikolari, nilqgħu l-kjarifiki introdotti rigward ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-monitoraġġ u l-limitazzjonijiet imqiegħda fuq is-setgħat delegati tal-Kummissjoni. Aħna nqisu li dawn l-elementi jikkontribwixxu għal bilanċ aħjar bejn it-trawwim tal-innovazzjoni u ż-żamma ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

L-Unjoni Ewropea għandha tibqa' globalment kompetittiva filwaqt li tippreserva l-istandards għoljin tagħha ta' sikurezza u l-fiduċja pubblika. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-aċċellerazzjoni jew is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ma twassalx għal dgħufija tal-valutazzjoni tar-riskju, tas-setgħa ta' kontroll tal-awtoritajiet kompetenti, jew tas-sistema tal-ġestjoni tar-riskju kollha kemm hi.

Il-Bulgarija tqis li huwa partikolarment importanti li l-kunċett ta' Preżunzjoni ta' Sikurezza Kwalifikata (QPS) ma jissostitwix il-valutazzjoni tar-riskju speċifika ta' mikroorganiżmu ġenetikament modifikat individwali, inkluż fir-rigward tal-karatteristiċi tal-modifika ġenetika, il-kundizzjonijiet tal-użu u l-ambjent riċeventi. Nissottolinjaw ukoll l-importanza tal-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq bħala element essenzjali tal-qafas regolatorju, li minnu l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw biss abbażi ta' raġunament xjentifiku debitament ġustifikat u wara valutazzjoni mill-awtorità kompetenti.

Minħabba l-iżvilupp dinamiku tax-xjenza f'dan il-qasam u l-eżistenza ta' elementi ta' inċertezza xjentifika, il-Bulgarija tqis li kwalunkwe żvilupp futur tal-qafas regolatorju, inkluż permezz ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jkun ibbażat fuq evidenza xjentifika aġġornata, ġustifikazzjoni trasparenti u l-involvement attiv tal-Istati Membri.

Il-Bulgarija tirrikonoxxi li, għal għadd ta' Stati Membri, kwistjonijiet relatati ma' mikroorganiżmi ġenetikament modifikati jibqgħu sensitivi minn perspettiva xjentifika, regolatorja u ta' politika pubblika. Għalhekk inqisu li huwa partikolarment importanti li l-bilanċ miksub fil-Kunsill jiġi ppreservat matul in-negozjati interistituzzjonali li ġejjin.

F'dan il-kuntest, u fid-dawl tat-titjib importanti introdott fit-test mill-Prezidenza Ċiprijotta, il-Bulgarija tista' tappoġġa l-Approċċ Ġenerali. Fl-istess ħin, nappellaw lill-Kummissjoni, lill-Prezidenza li jmiss u lill-Parlament Ewropew biex jippreservaw il-bilanċ miksub u biex iżommu l-elementi ewlenin tal-pożizzjoni tal-Kunsill relatati mal-evidenza xjentifika, ir-rwol tal-Istati Membri u ż-żamma ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent matul in-negozjati tat-trilogu li jmiss.

